# Parroċċa Qalb Bla Tebgħa

# Ta' Marija, Burmarrad

**50 Sena Konsagrazzjoni Tal-Knisja Parrokkjali 1964-2014**



**LEĦEN IL-PARROĊĊA - April 2014 - Nru. 375**

Għeżież,

Il-Vanġelu ta' San Gwann jirrakonta dawn il-preċiżi kelmiet:

'Kien l-ewwel Jum tal-Ġimgħa, filgħodu kmieni, kif kien għadu d-dlam, u Marija ta' Magdala ġiet ħdejn il-qabar u rat il-blata mneħħija mill-qabar. Għalhekk telqet tiġri għand Xmun Pietru u għand id-dixxiplu l-ieħor li kien iħobb lil Ġesu' u qaltilhom:

'Qalgħu l-Mulej mill-qabar u ma nafux fejn qegħduh!'. Pietru u d-dixxiplu l-ieħor ħarġu u ġrew lejn il-qabar. It-tnejn ġrew flimkien, imma d-dixxiplu l-ieħor ħaffef aktar minn Pietru u laħaq qablu ħdejn il-qabar. Tbaxxa u ra l-faxex tal-għażel imqiegħda hemm, iżda ma daħalx.'(Kap 20, Versi 1-5).

Għalhekk f'dan il-Jum Għażiż il-Knisja kollha tifraħ waqt li tħabbar li Kristu huwa ħaj. Huwa ħaj, imma aħna bħal Marija ta' Magdala, ma nagħrfuhx mill-ewwel. U ħajjitna hi mixja li bil-mod twassalna biex niltaqgħu ma' Kristu Ħaj. Għax kif qalilna tant tajjeb il-Papa Emeritu Beneditту XVI: 'Il-Kristjaneżmu mhux għażla etika, imma huwa laqgħa ma' Kristu Rxoxt.' Hija grazzja mela għalina li meta niltaqgħu ma' Ġesu' fit-Triq ta' Ħajjitna, nistgħu nibdew naraw l-affarijiet minn perspettiva differenti.



L-Għid huwa l-akbar festa tagħna l-Insara biex bħal Marija ta' Magdala nibqgħu nfittxu lill-Mulej, sakemm nindunaw li hu tassew qrib tagħna.

F'ismi u f'isem il-Komunita' nawguraw lil kull familja tal-Parroċċa tagħna l-Għid it-Tajjeb.

Tkunu mberkin!

P.Joseph Mamo ofm Conv.

# QAWRA SCOUT GROUP

**Member of the Scouts Association of Malta**

**Registered NGO No: VO/0311**

**School Leaving Certificate Approved**

# SCOUTS

## Nibnu Dinja Aħjar













**Join Now**

# Join in Scouting-Enjoy the Fun

### Sections

- Beaver Colony 6-7 years. Friday: 1730—1830 hrs
- Cub Pack 7-11years. Friday: 1830-2000 hrs
- Troop 11yrs-16 years. Friday: 1900-2100 hrs
- Venture Unit 16-18yrs. Friday 1900 hrs
- Group & Leader section 18 years onwards
- Scout Band—all ages: Friday 1730-1900 hrs

We believe that through adventure we challenge individuals so that they learn and experience new things that enrich their lives.

We meet in the blocks on the side of Qawra church so if you feel like coming over please do so. We welcome boys and girls to learn and have fun at the same time.

**Contact us:**

Group Scout Leader: Ivon Spencer 79721008

Scout Leader: Joseph Sciberras 79421666

Cub Scout Leader: Helen Farrugia 79708020

# ***HU SE JERĠA' JIĠI!***

Fi żmien Ġesu', il-Lhud kellhom tradizzjoni li kien jafha kulħadd. Meta l-qaddej kien jirranġa l-mejda tal-pranzu għas-sid, kien joqgħod attent għall-iċken dettall, u jagħmilha eżatt kif kien ikun jixtieq sidu. Meta s-sid kien ipoġġi mal-mejda, il-qaddej kien iwarrab fil-ġenb u joqgħod jistenna bil-kwiet. Ma kienx jissogra jmiss il-mejda jew jieħu xi platt qabel ma s-sid kien ikun spiċċa mill-ikel. Ġieli s-sid kien ikollu jħalli l-mejda għal ftit tal-ħin biss, u mbagħad jerġa' jirritorna sabiex ikompli bl-ikel. Allura s-sid kien jaqbad is-sarvetta jew maktur, jitwih pulit u jħallih ħdejn il-platt tal-ikel. Dan kien ikun sinjal ċar biex il-qaddej ma jmissx il-mejda jew il-platt.

Jekk imbagħad is-sid kien ikun lest mill-ikel, dan kien iqum minn fuq il-mejda, jimsaħ idejh, jimsaħ ħalqu u l-baffi, u jitfa' l-maktur kif ġie ġie. Dan kien ifisser li s-sid lest mill-ikel u mhux se jerġa' jiġi, allura l-qaddej jista' jibda jiżbarazza l-mejda.

Immorru fl-Evanġelju ta' San Ġwann Kapitlu 20 vers 7. ***'Imbagħad wasal warajh Xmun Pietru, daħal fil-qabar, u ra l-faxex tal-għażel imqiegħda hemm, u l-maktur li kien madwar rasu; dan ma kienx mal-faxex, imma mitwi u mqiegħed għalih.'***

Il-qaddej ma kienx jissogra jmiss il-mejda jekk il-maktur ikun mitwi, għax........ il-maktur mitwi jfisser: 'Jien se nerġa' niġi'.

# **ĠESU' SE JERĠA' JIĠI!!**



# ĦAJJA U ĦIDMA – APRIL 2014

**It-Tlieta 1** Fil-5.30pm – Qrar għat-tfal li jattendu d-duttrina fil-Mużew tal-Bniet.

**Il-Ħamis 3** **L-Ewwel Ħamis tax-xahar**. Issir l-Adorazzjoni fis-Seminarju tal-Virtu' b'talb għall-vokazzjonijiet saċerdotali u reliġjużi. Tluq minn ħdejn il-Parroċċa f'nofs in-nhar. Fil-5.30pm – Qrar għat-tfal li jattendu d-duttrina fiċ-Ċentru Parrokkjali.

**Il-Ġimgħa 4** **L-Ewwel Ġimgħa tax-xahar**. Inġeddu l-konsagrazzjoni tagħna lil Qalb Imqaddsa ta' Ġesu'.

Fid-9.00am – Tluq għar-Redentur tal-Isla. Ħallu isimkom fis-sagristija jew mal-helpers. 5.30pm – Qrar għat-tfal li jattendu d-duttrina fil-Mużew tal-Bniet.

Fit-8.00pm – Ser issir Via Sagra organizzata miż-Żgħażagħ Franġiskani. Tibda minn ħdejn Castello dei Baroni u tintemm fil-Kappella tal-Madonna tal-Abbandunati.

**Is-Sibt 5** **L-Ewwel Sibt tax-xahar**. Inġeddu l-konsagrazzjoni tagħna lil Qalb Bla Tebgħa ta' Marija. Bejn l-10.00am u 12.00pm tkun miftuħa l-librerija.

Fis-6.15pm – Quddiesa. Fis-7.00pm dramm tal-Passjoni bl-isem FAXEX, mtellgħa miż-Żgħażagħ tal-Parroċċa.

**L-Erbgħa 9** Fis-7.30pm – Lectio Divina wara l-quddiesa.

**Il-Ġimgħa 11** **JUM DEVOZZJONALI TAD-DULURI**. ARAW PROGRAMM DETTALJAT.

**Is-Sibt 12** **Bazaar tal-Għid**, organizzat mill-Kumitat tal-Festa,
u **l-Ħadd 13** b'risq il-Festa Titulari.

**Is-Sibt 12** **Fit-8.00pm – Kunċert ta' Mużika Sagra fil-Knisja Parrokkjali** mill-MELBRASS BAND u wara jsir it-Tberik tal-Mejda tal-Appostli u l-ftuħ tal-Wirja tal-Vari tal-Ġimgħa l-Kbira.

**Il-Ħadd 13** **JUM IŻ-ŻGĦAŻAGĦ**

Fl-10.30 – Laqgħa tal-Grupp Familji Nsara fiċ-Ċentru Parrokkjali.

**Il-Ħamis 17** Ser jiġu organizzati 7 viżti mill-Parroċċa tagħna lejn irħula diversi. Booking fis-sagristija jew mill-helpers sat-Tlieta 15 t'April. Tluq minn ħdejn il-Parroċċa fit-8.30pm.

**It-Tnejn 21** Mill-lum jibda t-Tberik tal-Ħwienet u tal-Familji. Araw il-Fuljett li hu separat u li tqassam ma' Leħen il-Parroċċa ta' dan ix-xahar.



**Is-Sibt 26 u l-Ħadd 27** L-aħħar weekend tax-xahar u ssir il-Ġabra speċjali b'risq il-Parroċċa tagħna.

**Il-Ħadd 27** **Festa tal--ĦNIENA DIVINA**
Fis-6.00pm – Tibda l-adorazzjoni Solenni tal-Festa tal-Ħniena Divina.

Fis-7.00pm – Quddiesa tal-Ħniena Divina

**ILLUM ISSIR IL-KANONIZZAZZJONI TAL-PAPIET GWANNI XXIII U GWANNI PAWLU II MILL-PAPA FRANĠISKU.**

**It-Tlieta 29** Fis-7.30pm – jiltaqa' l-Kunsill Parrokkjali fiċ-Ċentru Parrokkjali

## Attivitajiet 50 sena mill-Konsagrazzjoni tal-Knisja Parrokkjali 30 ta' Mejju 1964 – Mejju 2014

**L-Erbgħa 14 ta' Mejju - 7.15pm Quddiesa minn Fr. Hector Scerri bil-ħsieb 'Aħna Ġebel Ħaj'.**
**L-Erbgħa 21 ta' Mejju - 7.15pm Quddiesa minn Fr. Michael Buġeja bil-ħsieb ' Il-Bini ta' Komunita' Nisranija'.**
**Il-Ħamis 28 ta' Mejju - Ġurnata Ewkaristika. Ġesu' jkun espost il-ġurnata kollha fil-Knisja Parrokkjali.**
**Il-Ġimgħa 30 ta' Mejju - Jum it-Tifkira tal-50 Sena mill-Konsagrazzjoni tal-Knisja. 7.00pm - Quddiesa Solenni mmexxija mill-Arċisqof Mons. Pawlu Cremona O.P.**
***Ma' Leħen il-Parroċċa ta' Mejju kull Familja ser tirċievi brochure bil-programm sħiħ dettaljat ta' dan l-avveniment importanti li ser infakkru.. Ħallu dawn id-dati liberi.***

# Parroċċa Qalb bla Tebgħa ta' Marija Burmarrad.
## Programm ta' Jum id-Duluri
## u l-Ġimgħa Mqaddsa 2014



**Il-Ġimgħa 11** <u>Tifkira ta' Marija Addolorata</u>

5.10am – Rużarju 5.30am u 6.15am Quddiesa.
12.30pm - Quddiesa għall – Ħaddiema.
5.30pm – Via Sagra
6.00pm - Quddiesa.
7.00pm – Purċissjoni bl-istatwa tad-duluri u Rużarju.
8.00pm – Wara l-puċissjoni ssir Quddiesa.

**Il-Ħadd 13** <u>Ħadd il-Palm.</u>

8.15am - Qabel il-Quddiesa isir it-Tberik tal-friegħi taż-Żebbuġ fuq iz-Zuntier. It-Tfal huma mħeġġa jilbsu Ilbies Lhudi. Issir purċissjoni minn fuq iz-Zuntier għall knisja.

**It-Tnejn 14** 7.00pm - Fil-Quddiesa ssir Ċelebrazzjoni Penitenzjali.

**It Tlieta 15** 7.00pm - Quddiesa fejn jingħadu t-tlett Salmi fuq il-Passjoni ta' Kristu miktubin minn San Frangisk.
8.00pm - Via Sagra fi Triq San Pawl Milqi.

**L-Erbgħa 16** 7.00pm - Quddiesa bil-ħsieb fuq it-tlett Ijiem Imqaddsa tal-Għid.
7.15pm - Nitilqu minn ħdejn il-knisja biex nattendu l-Via Sagra Nazzjonali Djoċesana.

**Il-Ħamis 17** <u>Ħamis ix-Xirka</u>

7.30am - Talb Komunitarju.
Bejn il-5.30pm u s-7.00pm ikollna servizz tal-qrar.
7.00pm - Ċelebrazzjoni Ewkaristika bil-ħasil tar-riġlejn, li tkun animata mill-kor tal-Parroċċa.
Wara jkollna r-repożizzjoni ta' l-Ewkaristija fl-artal.
8.30pm - Adorazzjoni Komunitarja.

Il-Ġimgħa 18 **Il-Ġimgħa l-Kbira.**
Jum ta'Sawm u Astinenza.
7.30am - Talb Komunitarju
10.00am - Adorazzjoni komunitarja għat-tfal kollha – nofs siegħa.
3.00pm - Ċelebrazzjoni tal-Passjoni tal-Mulej u Tqarbin.

Is-Sibt 19 **Sibt il-Għid.**
7.30am - Talb Komunitarju
Bejn is-6.00pm u t-8.00pm ikollna servizz tal-qrar.
8.00pm - Ċelebrazzjoni tal-Vġili ta' Għid.
Tkun animata bil-Kant mill-Kor tal-Parroċċa.

Il-Ħadd 20 **L-Għid il-Kbir.**
8.30am - wara l-Quddiesa jsir it-tberik tal-figolli u l-ħelu tal-Għid.



# Tajjeb Tkun Taf

- **Niġbdu l-attenzjoni ta' min juża l-librerija fiċ-Ċentru Parrokkjali sabiex meta jingħalaq iż-żmien jerġgħu jirritornaw il-kotba. Infakkru li l-librerija tkun miftuħa kull l-Ewwel Sibt tax-xahar bejn l-10am u 12pm.**

- **Il-Via Sagra Nazzjonali li tkun immexxija mill-Arċisqof ser issir nhar l-Erbgħa 16 t'April fil-għaxija fir-Residenza San Vinċenz de Paule. Ser jiġi organizzat trasport minn ħdejn il-Parroċċa. Min jixtieq jattendi għandu jħalli ismu fis-sagristija.**

- **Ma Leħen il-Parroċċa ta' dan ix-xahar qed jitqassam ukoll Fuljett tat-Tberik, sabiex iżżommu d-data u l-ġurnata libera.**

- **Infakkru li fil-Kappella fiċ-Ċentru Parrokkjali kull nhar ta' Tlieta bejn id-9.00am u nofs in-nhar, Ġesu' jkun espost għall-qima u għall-adorazzjoni tagħna. Ġesu' jistennik! Ejja ħdejh u tkellem miegħu..Hu jifhmek żgur.**

- **Ċans sal-aħħar t'April – Kompetizzjoni tpinġija mit-tfal f'egħluq il-50 sena mill-Konsagrazzjoni tal-Knisja. Tfal pinġu xi ħaġa relatata mal-Knisja tagħna u t-tpinġija tagħkom tidher fil-Knisja matul Mejju. Iktbu isimkom fuq wara.**




**Tel: 21573045/ Fax:21578118 Mobile: 77622275**
**www.parroċċaburmarrad.com**